MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 244/2014

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Gunju tas-sena 2011, f’Amman Amman, il-Gordan u rregistraw l-imsemmi zwieg fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, liema att taz-zwieg jgib in-numru 1380/2011;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dana ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg, u dana ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Illi stante c-cirkostanzi imsemmija iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u invalidu skont il-Ligi;

Talbet ghalhekk li il-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Gunju tas-sena 2011, f’Amman Amman, il-Gordan u rregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, permezz ta’ att taz-zwieg jgib in-numru 1380/2011 hu null u invalidu ai termini ta’ l-Artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

1. Ili b’mod preliminari, l-intimat jismu Ashraf Al-Majdoubeh u mhux Ashraf Al-Majoubeh u konsegwentement jitlob li ssir korrezzjoni fil-kunjom tal-intimat;
2. Illi l-esponenti jirrileva illi m’hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-premessi kontenuti fir-rikors guramentat;

3. Illi, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta’ qabel u dawk rimanenti, filwaqt li hemm qbil li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, jigi rrilevat illi jekk kien jezisti xi nuqqas dwar diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, dan ma kienx daqs u fil-livell ta’ nuqqas daqs dak tar-rikorrenti;
4. Illi, inoltre l-partijiet irrifjutaw li jikkonsmaw iz-zwieg taghhom u konsegwentement iz-zwieg taghhom, huwa null ai termini tal-Artikolu 19A (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Illi, ghaldaqstant l-esponenti jaqbel illi z-zwieg ta’ bejniethom huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti tal-Ligi;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attrici;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-21 ta’ Gunju 2011[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19 (1)(f) tal-Kap. 255.

Min-naha l-ohra, l-intimat jaqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat (ghalkemm jikkontendi li l-grad ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni tal-attrici huwa akbar min-nuqqas tieghu) kif ukoll ghaliex il-partijiet irrifjutaw li jikkunsmaw iz-zwieg taghhom.

**<u>Il-verzjoni tar-rikorrenti</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2], l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat meta kellha dsatax (19) –il sena. Tispjega li f’dan iz-zmien kienet ghaddejja minn perjodu ftit hazin peress li kienet ghadha kif tohrog minn relazzjoni importanti u kellha wkoll xi problemi mal-mama’ taghha. L-intimat li kien kbir fl-eta’ f’ghajnejha kien habib. Kien jaghtiha l-pariri u min-naha taghha kienet tqisu bhala ragel gentili, b’dan li qatt ma prova jaghmel xi avvanzi lejha. Darba minnhom pero’ qalilha li kellu bzonn jizzewweg gewwa l-Lebanon. Peress li kienu hbieb u kienu jitkellmu l-attrici accettat. Lil ommha ma qaltilhiex dwar fejn verament kienet sejra, tant li tammetti li kien biss ftit tax-xhur qabel ma gie miktub l-affidavit taghha li ommha saret taf b’dan iz-zwieg. Tiddikjara li minkejja z-zwieg li sar gewwa l-Lebanon, qatt ma kien hemm relazzjonijiet intimi bejniethom jew xi kuntatt fiziku. Tiddikjara li qatt ma ghexet mal-intimat. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li zzewget lill-intimat ghaliex kienet ghaddejja minn perjodu hazin hafna u ghaliex dak iz-zmien kien sors ta’ ghajnuna ghaliha.

Permezz tax-xiehda taghha datata t-12 ta’ Marzu 2015, l-attrici tiddikjara li z-zwieg gie kontrattat gewwa l-Gordan u mhux il-Lebanon u

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 8 tal-process
[2] Esebit a fol 5 tal-process

tikkonferma wkoll li kemm qabel u kemm wara z-zwieg qatt ma kien hemm relazzjonijiet intimi bejnha u l-intimat. Tghid li zzewget lill-attur ghaliex kienet ghadha zghira (kellha tmintax (18) –il sena) u ghaliex thassritu.

**Il-Verzjoni tal-intimat**

Permezz tal-affidavit tieghu[3], jghid li ltaqa' mal-attrici permezz ta' habib tieghu. Jghid li l-attrici kienet ghaddejja minn zmien difficli u saru hbieb. Jghid ukoll li wara ftit xhur iddecidew li jizzewgu u fil-fatt hekk gara gewwa l-Ġordan, b'dan li z-zwieg gie registrat f'Malta wkoll. Kif gew lura Malta l-kuntatt bejniethom beda jonqos sakemm imbaghad spicca ghal kollox. Jiddikjara li zzewgu ghaliex riedu jkunu ta' wens ghal xulxin izda qatt ma kellhom intenzjoni li jiffurmaw familja flimkien, tant li qatt ma kellhom xejn flimkien, la dar u lanqas kontijiet. Dejjem ghexu b'mod separat b'dan li qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi.

Imbaghad permezz tax-xiehda tieghu datata t-12 ta' Marzu 2015 jikkonferma li fiz-zmien li ltaqghu, it-tnejn li huma kienu ghaddejjin minn perjodu difficli. Jghid li kien kellem lill-genituri tal-attrici pero' qatt ma qalulhom li kienu gharajjes. Jerga' jikkonferma li qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi ghaliex kienu hbieb biss.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-Qorti, taghmel referenza ghall-affidavit ta' Roberta Vella[4] ,fejn tikkonferma li l-attrici qaltilha li qatt ma kellha relazzjonijiet intimi mal-intimat u li r-relazzjoni ta' bejniethom dejjem kienet dik ta' hbieb u xejn aktar. Maria Dolores Dandolo[5] tikkonferma li ma kienitx taf b'dan iz-

[3] Esebit permezz ta' nota datata l-25 ta' Frar 2015
[4] Esebit a fol 6 tal-process
[5] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 7 tal-process

zwieg u li bintha baqghet tghix maghha minkejja z-zwieg taghha mal-intimat.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-partijiet minhabba anomaliji psikologici serji kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tara li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li verament jiffurmaw familja u jiffurmaw dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament riedu jizzewgu fis-sens wiesgha tal-kelma. Dan ma jfissirx li l-partijiet ma kellhomx dak il-gudizzju necessarju sabiex jevalwaw id-decizjoni taghhom ghaz-zwieg. Anzi mix-xiehda tal-partijiet jirrizulta li z-zwieg sar sabiex il-problemi li kellu l-intimat jissolvew. Dan kollu juri li fil-verita' kienu z-zewg partijiet li dahlu ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet hziena u minghajr ma qiesu l-piz ta' tali decizjoni ghaliex jammettu li zzewgu sempliciment biex isolvu l-problema li kellu l-intimat u xejn aktar.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu***

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-partijiet kellhom id-*discretio judicii* necessarju imma kif ser jigi diskuss aktar ‘il quddiem, ghazlu li jizzewgu biex isolvu l-problemi tal-intimat u xejn aktar.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-partijiet jirrizulta minghajr ebda forma ta’ dubju li l-partijiet qatt ma kkunsmaw iz-zwieg taghhom ghaliex fil-verita’ dan kien zwieg fittizju. Qatt ma kien hemm intenzjoni da parti tal-partijiet li jidhlu f’relazzjoni dejjiema jew li jkunu miftuhin ghall-ulied ghaliex mhux talli eskludew il-prolazzjoni tal-ulied, talli eskludew iz-zwieg innifsu billi lanqas qatt ma ghexu taht l-istess saqaf. Huwa ovvju li dan kien biss zwieg ghad-dehra ghaliex fil-verita’ kien zwieg ta’ konvenjenza u xejn aktar.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet***

[7] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

***essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[9] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[10] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[11] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[12] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

[9] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[11] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[12] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi prodotti, jirrizulta b'mod car li z-zewg partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza, tant li l-attrici tuza l-kliem u l-intimat kellu 'bzonn' jizzewweg. Il-kelma 'bzonn' turi li dan iz-zwieg ma kienx rizultat ta' decizjoni tal-partijiet li riedu verament jidhlu f'rabta dejjiema, izda raw iz-zwieg bhala s-soluzzjoni ghall-'bzonn' tal-intimat.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[13] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti, jidher car li fil-mument tal-kunsens taghhom il-partijiet bl-ebda mod ma riedu li jizzewgu u ghalhekk hemm bazi ghal dikjarazzjoni ta' nullita'.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 205, b'dan li l-Qorti qed tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates għall-investigazzjoni u notament tagħhom.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa skond il-verbal tat-12 ta' Marzu 2015, kif miftiehem bejn il-partijiet.

[13] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

## **< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------